# L-IMĠARR

## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/14, it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 13 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2020 fl-4 u nofs ta' filgħaxija. Minħabba il-miżuri ta' saħħa pubblika intenzjonati sabiex jitwaqqaf it-tixrib tal-virus COVID-19 li kienu in vigore matul dawn iż-żminijiet fil-pajiż kollu, din il-laqgħa issejħet biex issir b' mod elettroniku permezz tas-sistema Microsoft© Teams. Iżda wara li kienet diġa' ġiet ippubblikata l-aġenda, ħarġet direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill kien mitlub jirritorna għas-sistema oriġinali tal-laqgħat fil-Kunsill. Għalhekk, din il-laqgħa seħħet fil-bini tal-Kunsill. Din kienet l-ewwel laqgħa li mhux biss ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming', imma wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'Video On Demand'.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

| | |
|---|---|
| Wistin Vella | Viċi Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |

**ASSENTI**

Hadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-4:36pm.
ii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*14.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*14.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*14.4 Korrispondenza*

*14.5 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*14.7 Proposti mill-Reġjun Tramuntana;*

*14.8 Permessi u Attivitajiet matul is-sajf 2020;*

*14.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

## 14.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

14.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva notifika mingħand Clayton Gauci li kien ser jittardja jew addirittura mhux se jlaħħaq jattendi xejn għall-din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li kien ġiet mgħarraf li l-Viċi-Sindku Wistin Vella ma kien possibli li jattendi. Il-Kunsill qabel li jaċċetta dawn iż-żewġ apoloġijaħi u għalhekk is-Sur Vella u s-Sur Gauci ser jitpoġġew bħala Assenti b' Apoloġija għal din il-laqgħa.

## 14.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

14.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew ippreparati biex ikunu iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku informa li kien ġie irranġat il-moll fejn jitniżżlu d-dgħajjes fiċ-Ċikken, il-Ġnejna.

14.3.2 Is-Sindku informa li s-sistema ta' dawl b' kuluri differenti mal-faċċata tal-Kunsill issa kienet lesta u bdiet titħaddem.

14.3.3 Wara talba li rċieva, il-Kunsill ser ikun qed joffri li tfal, żgħażagħ u studenti li għandhom nuqqas tas-servizz ta' internet fi' djarhom ser ikunu jistgħu jiġu fil-bini tal-Kunsill biex jagħmlu użu mill-internet tal-Kunsill. Dan minbarra id-diversi punti ta' WiFi pubbliku li l-Kunsill iħaddem madwar il-lokalita'.

14.3.4 Is-Sindku informa li kien qed jinbena ħajt fil-parking ta' ġewwa fil-Ġnejna. Dan ix-xogħol kien qed isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

14.3.5 Is-Sindku informa li kienet saret donazzjoni ta' madwar 400 kontenitur ta' frawli friska fl-iSptar Mater Dei bħala apprezzament tax-xogħol li l-ħaddiema mediċi wettqu matul l-eqqel tal-imxija tal-COVID-19. Saret ukoll donazzjoni oħra lill-ħaddiema tal-iSptar Paul Boffa.

14.3.6 Is-Sindku informa li kien attenda b' mod virtwali għal-laqgħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar żvillupp ta' Agrituriżmu fl-inħawi ta' Trejqa tal-Qanfud (PA049/17). Is-Sindku irrappreżenta lill-Kunsill.

14.3.7 Is-Sindku informa wkoll li wara pariri tekniċi li kien irċieva, kien qed jipproponi li jsir xogħol urġenti ta' bdil fid-distribution box tad-dawl peress li kien hemm periklu. Għalhekk ser jiġi ppjanat xogħol fejn issir upgrade tas-sistema kollha biex jitneħħa il-periklu u tissaħħaħ il-provvista tad-dawl fil-binja tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li dan isir.

## 14.4 Korrispondenza

14.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

14.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva stedina mingħand Festivals Malta sabiex il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju iġibu il-Hybrid Festival Music Bus f' Wesgħat il-Ġublew għall-kunċert ta' madwar 30 minuta. Il-Kunsill approva.

14.4.3 Tressqet ittra mingħand avukat dwar inċident li persuna kellha fi' Triq Għajn Tuffieħa. L-ittra intbgħatet lill-Avukat tal-Kunsill Dr Raphael Fenech Adami, peress li dak ix-xogħol relatat ma kienx sar mill-Kunsill.

14.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-perit tal-Kunsill kien daħħal l-applikazzjoni sabiex isir ix-xogħol fuq il-ħajt ta' Triq San Pietru, biżwit it-tempji ta' Ta' Ħaġrat.

## 14.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

14.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kien qed japplika għal-liċenzja dwar iċ-ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani. Qabel ma napplikaw għal-liċenzja irridu naqblu fuq ftehim dwar l-immaniġjar taċ-ċentru mal-Active Ageing and Community Care Department. Għahekk issejħet laqgħa dwar dan.

14.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien inbeda i-proċess tal-book-binding tal-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill. Dan għandu jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

14.5.3 Ġie diskuss li għandha tintbgħat korrispondenza lill-Infrastructure Malta dwar Triq Prof. David Trump u Misraħ is-Sebbieħ biex issir talba jekk dawn humiex ser jingħataw konnessjoni tad-dranaġġ kif ukoll wiċċ tat-triq li qatt għada ma saret.

14.5.4 Is-Sindku semma li kien hemm bżonn li tiġi rranġata iċ-ċinta t' isfle tal-bini tal-Kunsill peress li kienet tgħerriet. Il-Kunsill qabel unanimament li dan l-intervent isir.

## 14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

14.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagament numru 6/2020 li kienet tammonta għal €40,033.36.

14.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet ippreparata biex tiġi ffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 14.7 Proposti mill-Reġjun Tramuntana

14.7.1 Is-Segretarju Eżekkutiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ proposti tar-Reġjun Tramuntana u saret diskussjoni dwarhom.

14.7.2 L-ewwel proposta kienet dwar proġett ta' installar ta' CCTV camera. Il-Kunsill, wara li ddiskuta, qabel unanimament li jaċċetta il-proposta tar-Reġjun li jħallas għal din il-camera li hemm il-ħsieb li titwaħħal ma' fuq tal-bini tal-kunsill biex taqbad il-pjazza u l-ġnien tal-bandli ta' Wesgħat il-Ġublew. Il-Kunsill qabel ukoll li, skont kif tgħid il-proposta, il-manutenzjoni ta' din il-camera issir mill-Kunsill.

14.7.3 It-tieni proposta kienet dwar il-proġett imnhiedi riċentement bl-isema ta' Slow Streets, fejn zoni fil-lokalita' isiru pedonali. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma' dan il-proġett għalkemm qabel li il-fiżjonomija tar-raħal tagħmilha kemm xejn difiċċli li dan isir. Għalhekk, għalkemm għalissa il-Kunsill ma ħassx il-bżonn li jidħol f' dan il-proġett, xorta waħda qabel b' mod unanimu li jidħol fil-proġett tar-Reġjun Tramuntana li jaħseb sabiex issir sejħa għall-offerti ta' perizja u pjan ħolistiku għal żoni simili madwar ir-Reġjun kollu.

## 14.8 Permessi u Ativitajiet matul is-Sajf 2020

14.8.1 Il-Kunsill iddiskuta il-ħruġ ta' permessi u attivitajiet għall-matul is-sajf. Dwar il-Ġnejna, il-Kunsill qabel li issa li r-restrizzjonijiet dwar il-COVID-19 kienet qed jitnaqqsu, kien ser jerġgħu jibdew jinħarġu l-permessi għall-attivitajiet fil-Ġnejna mill-Ħamis ta' wara, jiġifieri 18 ta' Ġunju. Ma kiex ser jingħata permess għall-aktar minn 200 persuna f' ħin wieħed. Ġie deċiż ukoll li, bħalma sar fis-sena ta' qabel, ma jinħarġux permessi għall-aktar minn 30 persuna kull permess nhar ta' Ġimgħa, nhar ta' Sibt u lejliet festi pubbliċi minn issa sa' l-aħħar ta' Settembru.

14.8.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-ftuħ mill-ġdid tal-bandli u postijiet pubbliċi. Kien hemm qbil unanimu li dawn għandu jerġgħu jinfetħu mis-Sibt 20 ta' Ġunju. Il-Kunsill għandu jippromuovi il-miżuri tad-Dipartiment tas-Saħħa pubblika dwar l-imxija tal-COVID-19 biex dawn jibqgħu jiġu mħarsa anke' f' dawn il-postijiet pubbliċi.

## 14.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

14.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju 2020, fil-5:30pm.

14.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6:09pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |